MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF
GEOFFREY VALENZIA**

**ONOR. IMHALLEF
GIANNINO CARUANA DEMAJO**

Seduta ta' l-14 ta' Novembru, 2011

Appell Civili Numru. 131/2004/2

**Joseph u Anna konjugi Portelli**

**v.**

**Peter Paul Portelli**

**Il-Qorti:**

**Preliminari**

Dan hu provvediment dwar il-kwistjoni sollevata *ex officio* mill-Qorti dwar jekk il-Qorti ghandhiex tiehu d-dokument X esibit mar-rikors tal-appell bhala prova f'din il-kawza.

**Fatti relevanti**

Mar-rikors tal-appell taghhom tat-30 ta' Dicembru 2010 l-appellanti konjugi Portelli esibew id-Dokument X konsistenti f'kuntratt tas-6 ta' Lulju 1989 fl-atti tan-Nutar Dottor Paul George Pisani. L-appellanti ddikjaraw li kienu qed jesibixxu l-istess document a termini tal-Artikolu 145 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili. Fis-seduta tas-27 ta' Gunju 2011 il-Qorti stiednet lill-partijiet sabiex jaghmlu l-osservazzjonijiet taghhom dwar jekk il-Qorti f'dan l-istadju ghandhiex tiehu konjizzjoni tad-Dokument X imsemmi bhala prova. Il-partijiet qablu li l-Qorti tieghu konjizzjoni tal-istess dokument bhala prova u l-appellat addirittura sostna li d-dokument imsemmi kien isostni t-tezi tieghu.

**Provvediment**

Tenut kont tal-fatt li d-dokument imsemmi gie esibit mar-rikors tal-appell kif previst fl-Artikolu 145 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, hemm qbil bejn il-partijiet li din il-Qorti ghandha tiehu konjizzjoni tieghu bhala prova u din il-Qorti ma ssibx raguni ghaliex ma ghandhiex taghmel hekk, il-Qorti qed tipprovdi dwar l-incident billi tiddikjara li fic-cirkostanzi ser tiehu konjizzjoni tal-istess Dokument X imsemmi esibit mar-rikors tal-appell bhala prova skont il-ligi.

L-ispejjez ta' dan l-incident jibqghu riservati ghall-gudizzju finali.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------